ĦAL QORMI
Citta' Pinto

**KUNSILL LOKALI TA' ĦAL QORMI (Città Pinto)** **IT-TMIEN KUNSILL**

**MINUTI SEDUTA NRU. 09** **It-Tnejn, 3 ta' Frar 2020**

Il-Kunsill Lokali ltaqa' nhar it-Tnejn, 3 ta' Frar 2020, fis-6.30 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

**PREŻENTI:**

Renald Falzon (Sindku),
Jerome Caruana Cilia (Kunsillier)
Donnha Barbara (Kunsillier),
Ralph Puli (Kunsillier)
Charlie Cuschieri (Kunsillier),
Daniel Ablett (Kunsillier),
Marvin Zammit (Kunsillier),
Sean Apap Meli (Kunsillier),
Martina Grech (Kunsillier)
George Muscat (Kunsillier)

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Dr Josef Masini Vento (Viċi Sindku)

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Karen Camilleri –Segretarju Eżekuttiv

**TALBA**

Is-Sindku Renald Falzon ippresieda l-laqgħa.

Is-Sindku beda billi qal it-talba u infurma lill-Kunsill li din is-seduta kienet qegħda tiġi *streamed live* fuq il-websajt www.localgovernment.gov.mt.

## 08/01 QARI TA' ITTRI TA' APOLOĠIJI

08/01/01 **Is-Segretarju Eżekuttiv** poġġiet fuq il-mejda l-ittri ta' apoloġija preżentata mill-Viċi Sindku Dr Josef Masini Vento.

Il-Kunsill qabel li l-assenza hija ġustifikata u għaldaqstant approva l-ittra ta' apoloġija.

## 08/02 Minuta Silenzju

Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia ppropona minuta silenzju bħala turija ta' rispett f'għeluq il-25 Anniversarju mit-traġedja tal-Malta Shipbuilding, fejn kienu mietu żewġ qriema. Il-Kunsill approva u saret minuta silenzju.

## 08/03 KONSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 07

**Is-Sindku Renald Falzon** ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tas- Seduta Nru. 07 li nżammet nhar it-Tnejn, 6 ta' Jannar 2020 minuti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija.

Il-**Kunsillier Dr Sean Apap Meli** ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti.

Il-**Kunsillier Jerome Caruana Cilia** ssekonda.

**Ivvutaw Favur Għaxar Kunsilliera (10**) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

## 08/04 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

08/04/01 **Is-Sindku Renald Falzon** nfurma li l-Kunsill ingħata €7,000 għall-iSkema LC Care sabiex isiru neuturing tal-istrays li għandna fit-toroq kif ukoll jinbnew cat shelters u jiġu nstallati fit-toroq tal-lokalita'.

.

08/04/02 **Is-Sindku Renald Falzon** nfurma li x-xogħlijiet fuq il-bankina ta' Triq il-Ħelsien tlesta u malli jinħarġu l-permessi, jinbeda x-xogħol fuq il-bankini fi Pjazza Alexandra u Triq il-Proża. Is-Sindku nfurma li l-Kunsill se jkollu jagħmel tajjeb għall-ispiża mposta mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, sabiex jinbidlu l-mains.

08/04/03 **Is-Sindku Renald Falzon** elenka l-attivitajiet li mistennija jiġu organizzati mill-Kunsill fil-ġimgħat li ġejjin, kif ġej;

It-tieni weekend ta' Frar attivitajiet fl-okkażjoni tal-140 Anniversarju mit-twaqqif tal-istatwa ddedikata lil San Pawl fi Triq il-Kbira

Fl-okkażjoni tal-Karnival se jinżamm party għat-tfal, mingħajr ħlas, f'sala fi Triq l-iskultur. Is-Sindku spjega li fis-snin passati l-Kunsill kien jorganizza l-isfilata tal-Karnival, fejn il-Kunsill kien jonfoq eluf ta' euro u l-attendenza dejjem kienet waħda fqira. Is-Sindku nfurma wkoll li sar kuntatt mal-għaqdiet qriema fejn ġew mistiedna jipparteċipaw f'din l-attivita'.
**Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli** staqsa jekk il-Kunsill fetaħx din l-attivita' għall-għaqdiet kollha jew jekk ġietx affiljata għaqda partikolari.

**Is-Sindku Renald Falzon** infurma li l-għaqdiet kollha kienu avviċinati sabiex jipparteċipaw.

**Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli** ġibed l-attenzjoni sabiex l-attivitajiet tal-Kunsill jiġu promoted mill-Kunsill u mhux minn individwi.

**Is-Sindku Renald Falzon** nfurma li din l-attivita' se tkun miftuħa għal 300 tifel u tifla qriema, bl-attivita' tkun animata minn 6 karattri popolari mat-tafla, puppet show, żeffiena tal-karnival. Ikel u xorb se jkun provdut għal dawk preżenti.

**08/04/04** **Is-Sindku Renald Falzon** infurma li fl-okkażjoni tal-Ġimgħa l-Kbira l-Għaqda Qawmien qed tippjana li torganizza attivita' fit-toroq tal-lokalita'.

**Il-Kunsillier Martina Grech** spjegat li l-idea hija li Ħal Qormi jinbidel f'villaġġ tal-Ġimgħa l-Kbira fejn il-qofol jintlaħaq b'rappreżentazzjoni fi Triq il-Kbira, quddiem il-maħżen tan-nar. Din l-attivita' se tkun qed tittella' fit-triq minħabba li l-Parroċċa San Ġorġ tat l-Oratorju lill-għaqda partikolari, sabiex tagħmel użu minnu hi biss u issa l-għaqdiet qriema spiċċaw bla teatru.

**Is-Sindku Renald Falzon** infurma li żewġ attivitajiet oħra huma Rappreżentazzjoni mtella' mill-Kummissjoni Teatrali Narbona u l-Qormi Pagaent Group San Sebastjan.

**08/04/05** **Is-Sindku Renald Falzon** infurma wkoll li fl-okkażjoni ta' Jum Ħal Qormi 2020, qed jitfassal programm ta' attivitajiet kif ġej;

Il-Ħadd 17 ta' Mejju – Attivita' sportiva organizzata mis-Sotto Kumitat Sports bit-tema 'Flimkien bl-Isports, l' bogħod mill-Vizzji'.

It-Tnejn, 18 ta' Mejju – Sparatura flimkien mal-FKNK

Is-Sibt, 23 ta' Mejju – Qormi Musicfest organizzat mill-Kumitat Festi Esterni San Ġorġ MM.

**Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli** staqsa jekk dawn l-attivitajiet humiex parti mill-Budget tal-Kunsill jew inkella hux se jingħata xi blank cheque . Is-Sindku nfurma li l-attivitajiet organizzati mal-għaqdiet huma koperti bil-kuntratt u l-għaqdiet huma ntitolati biss għas-somma ta' €1600, filwaqt li l-attivita' tas-sotto kumitat hija parti mill-budget tal-Kunsill, għalkemm il-Kunsill applika għal skema finanzjarja Achievers, fejn jekk il-Kunsill jintagħżel ikollu fondi biżżejjed biex jiffinanzja din l-attivita' minn dawn il-fondi.

**Il-Kunsillier Ralph Puli** nfurma li fil-passat attivitajiet bħal Qormi Wine Festival u Lejl f'Casal Fornaro kienu jiġu mgħejjuna permezz ta' finanzjament mill-Awtorita' Maltija għat-Turiżmu.

**08/04/06** **Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia** staqsa jekk hemmx ċans li l-Kunsill jimpjega persuna li taħdem fuq EU Funding. Is-Sindku Renald Falzon spjega li hu dejjem xtaq li l-Kunsill ikollu mpjegat fuq dawn il-fondi biss, iżda l-Kunsill irid jimxi mal-proċeduri u jara hux vijabbli li jkollu tali mpjegat. Il-Kunsillier, Dr Sean Apap Meli staqsa x'sar min-naħa tar-Reġjun f'dan il-kuntest, għaliex kien hemm imsemmi li r-Reġjun kellu joffri dan is-servizz. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li qatt ma nstema' xejn dwar dan, min-naħa tar-Reġjun.

| | |
|---|---|
| **08/04/07** | **Is-Sindku Renald Falzon** infurma li nhar it-Tlieta 18 ta' Frar se ssir ħarġa għall-anzjani, fejn se jittieħdu f'maħżen tal-Karnival jaraw il-ħidma ta' kumpanija qormija. |
| **08/04/08** | **Is-Sindku Renald Falzon** nfurma li l-Clean Up Day li jmiss se tinżamm nhar is-Sibt 7 ta' Marzu fit-8.30a.m., fejn se jiġi mnaddaf is-sit wara l-klabb tal-boċċi San Sebastjan. |
| **08/04/09** | **Is-Sindku Renald Falzon** nfurma li l-Ġimgħa, 31 ta' Jannar, kellu laqgħa mas-CEO ta' Sports Malta dwar is-sitwazzjoni li qed jaffaċċja l-Kunsill bil-vandaliżmu fl-iSports Complex li jinsab fi Triq l-Imdina. Is-Sindku nfurma li waqt din il-laqgħa ġie nfurmat li Sports Malta nefqet 'l fuq minn €500,000 f'manutenzjoni għall-vandaliżmu, matul dawn l-aħħar sitt snin, ħaġa li ma saret imkien, lanqas f'postijiet bħalma hu Ta' Qali. Il-Kunsillier Ralph Puli nfurma li kieku Sports Malta mpjegat Security Officer, l-ispiża kienet tiġi ferm orħos. Is-Sindku Renald Falzon infurma li Sports Malta kellhom jiddiskutu fil-Kumitat sabiex din iz-zona tiġi devoluta lill-Kunsill Lokali. Il-Kunsillier Daniel Ablett staqsa hux possibli li tinbena kiosk fiz-zona. Il-Kunsillier Ralph Puli ġibed l-attenzjoni li fiz-zona hemm żewġ stabbilimenti ta' għaqdiet volontarji u jekk tinbena xi gabbana, jaf ittellef lil dawn l-istabbilimenti.<br><br>**Il-Kunsillier Donnha Barbara** qalet li jkun aktar għaqli jekk il-Kunsill jiffoka li jagħmel manutenzjoni fuq żewġ playingfields kbar li għandna fil-lokalita', bħalma huma Pjazza Federico Maempel u l-Gnien De La Cruz.<br><br>**Is-Sindku Renald Falzon** spjega li bħalissa qed isir eżerċizzju dwar il-playingfields sabiex jiġi stabbilit il-bżonn ta' manutenzjoni meħtieġa f'kull playing field. Is-Sindku nfurma wkoll li l-Kunsill kien obbligat jagħlaq l-aċċess ta' Ġnien iż-Żgħożija, minħabba periklu li hemm.<br><br>**Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli**, qal li l-Kunsill għandu jagħmel studju sabiex jiġi stabbiliet il-bżonn reali tal-lokalita', fejn jidentifika dawn iz-zona fejn realment jeħtieġ li jkun hemm playingfields, dan minħabba l-fatt li f'ċertu zoni l-playingfields sabu rrilevanti, minħabba l-fatt li m'għadekx tara tfal jilgħabu fihom. |
| **08/04/10** | **Is-Sindku Renald Falzon** infurma li bħalissa qed issir manutenzjoni tal-letrina fi Ġnien De la Cruz, wara li din il-letrina kienet ilha snin mitluqa u fil-mira tal-vandali. |
| **08/04/11** | **Is-Sindku Renald Falzon** nfurma li tressaq Appell quddiem il-PCRB dwar l-għoti tat-tender 'Maintanance of Parks & Gardens' u se jkun qed iqabbad lill-ħaddiema tal-Kunsill sabiex inaddfu xi ġonna, biss se jkunu qed jinġabru stimi għal servizzi ta' emerġenza bħal żbir, tindif u tisqija tal-ġonna. |
| **08/04/12** | **Is-Sindku Renald Falzon** infurma li l-Kunsill ingħata vann u qed jiġbor stimi sabiex jinxtara vann ieħor bil-kaxxa sabiex jintuża mill-ħaddiema tal-Kunsill. Bħalissa jinsab f'diskussjonijiet sabiex jinxtara vann li jiswa madwar € 2000. |
| **08/04/13** | **Is-Sindku Renald Falzon** infurma li għamel żjara fil-librerija lokali, li tinsab fl-iskola primarja San Ġorġ, fejn jidher li hemm bżonn upgrading għaliex il-post mhux jakkomoda l-bżonnijiet taż-żminijiet tal-lum. Is-Sindku spjega li minn rapport li nħareġ mid-Dipartiment tal-Libreriji, ż-żewġ libreriji lokali, matul is-sena 2019 kellhom użu record mill-qriema u għaldaqstant huwa mportanti li l-Kunsill jagħmel dak kollu possibli sabiex iż-żewġ libreriji jingħataw dehra moderna u meħtieġa. |

**Is-Sindku Renald Falzon** infurma li attenda għas-Seduta Parlamentari tas-Sindki, fejn ġew diskussi bosta punti, fejn fost oħrajn semma l-L.S. 65.13 fejn tobbliga lill-Kunsill jittowja vetturi mitluqa fit-toroq. Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia staqsa fejn se jitpoġġew il-vetturi mitluqa, la darba jiġu ttowjati. Is-Sindku spjega li din hija l-kwistjoni kollha tas-sitwazzjoni. Is-Sindku Renald Falzon qal li jittama li l-Gvern Ċentrali jirrevedi din il-liġi.

**Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli** talab li l-membri jiġu nnotifikati meta jkunu se jsiru xi xogħlijiet mill-ħaddiema tal-Kunsill.

**08/05 MISTOQSIJIET MILL-KUNSILLIERA**

**08/05/01** **Is-Segretarju Eżekuttiv** poġġiet fuq il-mejda l-mistoqsijiet mressqa mill-Kunsillier Dr Sean Apap Meli. Is-Segretarju Eżekuttiv tat ir-risposti mitluba.

**Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli** ġibed l-attenzjoni dwar sitwazzjoni li qed tiġri ta' spiss fiz-zona ta' Fuq Tal-Blat, fejn il-persuna responsabbli mill-ġbir tal-bulky refuse qed jagħżel l-iskart u jarmih fl-iscammel.

**Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli** talab li s-servizz jingħata aktar bis-serjeta' u l-Kunsill jara li jkollu s-servizz li qed iħallas għalih.

**08/05/02** **Il-Kunsillier Marvin Zammit** infurma li l-qsari li kienu saru quddiem il-Madonna tar-Rużarju nixfu u talab li dawn jitneħħew.

**08/05/03** **Il-Kunsillier Ralph Puli** ġibed l-attenzjoni dwar il-parking sensors fi Triq il-Vitorja.

**08/05/04** **Il-Kunsillier Ralph Puli** staqsa x'se jiġri dwar il-proġet tas-*Centerparc*, wara l-fervur li nqala fuq il-media soċjali. Il-Kunsilllier Ralph Puli qal li meta dan il-proġett ġie diskuss mill-Kunsill, il-Kunsill kien għamel kundizzjonijiet ċari li l-proġett ma jtellifx il-viżwal tal-entratura ta' Ħal Qormi u li jsir il-*landscaping*. Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia qal li l-artiklu ta x'jifhem mod ieħor u għaldaqstant il-Kunsill għandu joħroq stqarrija. Il-Kunsillier Ralph Puli ppropona li l-Kunsill jibgħat korrispondenza lill-iżviluppaturi sabiex jikkonfermaw li se jkunu qed jimxu mal-kundizzjonijiet mogħtija mill-Kunsill, jiġifieri li l-viżwal mhux se jkun ostakolat bil-bini, li se jsir il-landscaping u li se jerġa' jinbena r-razzett.

Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia nfurma li hemm maħsub li jinbena torri ta' 14-il sular fl-entratura ta' Ħal Qormi, eżatt int u nieżel minn mal-fabbrika l-antika tal-għaġin. Il-Kunsillier Caruana Cilia propona li l-Kunsill jieħu parir mingħand il-Perit tal-Kunsill, dwar dan il-proġett, għaliex mill-informazzjoni li għandu din iz-zona mhux parti mill-High Rise Area. Is-Sindku Renald Falzon infurmah li saret verifika mal-Awtorita' tal-Ippjanar, iżda l-pjanti għandhom ma ġewx sottomessi u lanqas għad hemm PA Number.

Waqt din id-diskussjoni ssemmiet il-kwistjoni tal-istatwa tal-Qalb ta' Ġesu li kien hemm ma' binja fi Triq il-Mitħna, fejn il-Kunsill qabel li jagħmel il-pressjoni neċessarja mal-Awtorita' tal-Ippjanar sabiex din l-istatwa terġa' titpoġġa f'postha.

**08/06 RAPPORTI**

**0806/01 Vacancy għal Assistant Clerk mal-Kunsill Lokali Ħal Qormi**

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda r-rapport tal-Bord tal-Għażla għall-vakanza ta' Assistant Clerk mal-Kunsill Lokali Ħal Qormi.

Il-Kunsill iddiskuta r-rapport u approva li jimpjega l-persuna magħżula mill-istess bord.

**08/06/02 Disposal of Assets**

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda lista ta' assi sabiex il-Kunsill ikun jista' jiddisponi minnhom, minħabba li m'għadx hemm użu għalihom (lista annessa mal-Minuti).

Il-Kunsill approva b'mod unanimu li dawn l-assi jitneħħew.

**08/07 SKEDA TA' ĦLASIJIET**

**Is-Segretarju Eżekuttiv** poġġiet fuq il-mejda l-iSkeda ta' Ħlasijiet għax-xahar ta' Jannar 2020.

**Il-Kunsillier Daniel Ablett** ppropona l-approvazzjoni tal-ħlasijiet.

**Il-Kunsillier Donnha Barbara** ssekondat.

Il-Kunsill approval-iSkeda ta' Ħlasijiet għax-xahar ta' Jannar 2020.

**08/08 MOZZJONIJIET**

**08/08/01 Mozzjoni Nru 37 mressqa mill-Kunsillier Ralph Puli**

Billi l-Kunsill Lokali Qormi huwa kommess li jippreserva l-wirt storiku u kulturali ta' Hal Qormi

Nipproponi li l-Kunsill Lokali Qormi; jassigura li kull nicca u wirt storiku iehor li tinsab f'postijiet pubblici u anke privati tinghatalhom protezzjoni xierqa. Dan fid-dawl ta' zvilupp qawwi li qed isir fil- lokalita.

Nipproponi li jigi studjat anke forma ta' garanziji li jridu jinghataw minn kull min ikun qed jaghmel żvilupp li jista jaffetwa dan il-wirt storiku tal-lokalita'

**Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia** ssekonda.

**Il-Kunsillier Ralph Puli** ppropona li jiġu nvoluti l-NGOs responsabbli bħalma hija Din l-Art Ħelwa u jekk huwa possibli tinħadem Bye-Law.

**Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli** kwota l-Liġi 363 u talab li jiġi kkonsultat l-Avukat tal-Kunsill dwar l-artiklu 33g u 34 tal-istess liġi.

**Ivvutaw Favur Għaxar Kunsilliera (10**) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**Il-Kunsillier Martina Grech talbet li tkun skużata.**
**Hi ħarġet mil-laqgħa fit-8.25p.m.**

**08/08/02 Mozzjoni nru 38 imressqa minn Dr. Sean Apap Meli**

Għandha ssir plakka bħalma hemm fil-bini tal-Kunsill, fejn jitniżlu fiha dawk il-kunsilliera kollha li servew fil-Kunsill Lokali Ħal Qormi.

**Il-Kunsillier Ralph Puli** ssekonda.

Waqt id-diskussjoni li qabel tressqu bosta proposti, fosthom li jsiru r-ritratti tal-Kunsilli passati, kif ukoll li ssir plakka mar-residenzi ta' dawn il-persuni li servew bħala Sindki u Viċi Sindki tal-Lokalita', jekk kemm-il darba l-familjari japprovaw li jsiru, bi kliem bħal *'Hawn għex xxxxxx li serva bħala Sindku bejn is-sena xxx u s-sena xxx*'

**Ivvutaw Favur Għaxar Kunsilliera (10**) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**08/08/03 Mozzjoni Nru 39 imressaqa mis-Sindku Renald Falzon**

Nipproponi li l-Kunsill japprova n-nefqa ta' €3000 sabiex jiġi organizzat Il-Karnival tat-Tfal, f'sala fi Triq l-Iskultur, nhar it-Tnejn 24 ta' Frar mill-5.00p.m. sas-7.00p.m., bis-sehem tal-għaqdiet qriema.

Din l-ispiża tinvolvi l-ħlas għall-kiri tas-sala, catering, transport u entertainment.

**Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli** ssekonda l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Għaxar Kunsilliera (10**) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**08/09 AĠĠORNAMENT**

Kien maqbul li l-laqgħa li jmiss tinżamm fl-istess nhar tat-Tnejn 2 ta' Marzu 2020 fis-6.30p.m.

Il-laqgħa ntemmet fid-9.00 ta' filgħaxija.

**IFFIRMATI**
Renald Falzon
Sindku

**IFFIRMATI**
Karen Camilleri
Segretarju Eżekuttiv

Minuti approvati llum, 2 ta' Marzu 2020.